# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-18-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 24 ta' Frar 2016 fils-7.00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużat** | |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |

**18/01** **Talba**

**18/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-7.00 p.m. billi ntqalet it-talba. Il-Kunsill sellem lil ex-Kunsillier, is-Sinjura Mula li ġiet nieqsa din il-ġimgħa.

**18/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 17**

**18/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Minuti Nru 17. Ġew approvati wkoll unanimament il-Minuti għal-laqgħa annwali.

**18/03** **Punti mtella' mill-Minuti 17**

**18/03/01** **Para 17/03/03:** Ġie innutat li l-bollards ta' Triq San Ġwann u Triq San Bartilmew għadhom ma sarux. Kunsillier Fneech innota li wahda mir-residenti ma accettax li jehlu bollards quddiema fi Triq San Bartilmew. Il-kunsill ha nota ta' dan.

**18/03/02** **Para 17/03/04:** Għandha tiġi vverifikata jekk intbagħtitx l-ittra lir-residenti ta' Sqaq il-Ħofra.

**18/03/03** **Para 17/03/05:** Ġiet innutata ittra bl-Avukat mill-kuntrattur tal-latrina pubblika. Ġie deċiż li ssir risposta bl-Avukat tal-Kunsill.

**18/03/04** **Para 17/03/07:** Għandha ssir sorveljanza biex il-kuntrattur ikompli x-xogħol fi Triq Fra Dumink Mifsud.

**18/03/05** **Para 17/04/01:** Wara li saret verifika, ġie deċiż li jitħallas il-kont li ġie mwaqqaf fil-laqgha ta' qabel ta' RCV u ta' Smart Lights. Ġie deċiż li jitħallas ukoll 200 Ewro sakemm issir il-laqgħa mal-ARMS fuq il-kont tal-uffiċċju tal-Kunsill.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**18/03/06** **Para 17/06/01:** Ġie deċiż li ssir oġġezzjoni fuq l-applikazzjoni lill-MEPA sabiex jinbena razzett tal-fniek fil-wied.

**18/03/07** **Para 17/07/01/03:** Il-laqgħa ta' ko-ordinament għandha ssir il-Ġimgħa, 4 ta' Marzu 2016 fit-3.00pm.

**18/03/08** **Para 17/07/01/04:** Ġiet innutata s-suċċess tal-attività tal-Karnival li saret it-Tnejn, 8 ta' Frar 2016

**18/03/09** **Para 17/07/2**: Għandha tintbagħat ittra lill-kuntrattur tal-knis b'rendikont ta' ftehim li sar fil-laqgħa miegħu.

**18/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**18/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Ġie deċiż li jitwaqqaf temporanjament il-pagament 15 minħabba li m'hemmx invoice maċ-ċertifikati. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati il-kumplament tal-pagamenti. Kien hemm qbil unamimu wkoll fuq il-lista tal-petty cash.

**18/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**18/05/01** 18116053241328 Kien hemm diskussjoni fuq talba biex jiġu riżervati tliet parkeġġi fi Triq il-Kbira minħabba tieġ fil-21 ta' Mejju 2016. Għandha ssir verifika li din il-persuna toqgħod f'din it-triq.

**18/05/02** 181160472413329 Talba biex jeħel l-isem ta Emmanuel Perren min-naħa ta' Triq l-Oratorju. Għandha ssir site visit.

**18/05/03** Is-Sur Mark Azzopardi talab biex issir linja safra fi Triq Mons Luigi Catania. Kien hemm qbil fuq dan.

**18/05/04** Is-Sur Giljan Aquilina talab biex titwaħħal tabella "Clean up after your dog" fi Sqaq ta' Fusinu. Kien hemm qbil.

**18/05/05** Is-Sur Christopher Fenech ilmenta li għandu jsir patching jew resurfacing fi Triq Santa Marija ta' Żelliegħa. Ilmenta wkoll li l-WIFI ta' Ġnien il-Paċi mhux qed jaħdem. Ilmenta wkoll fuq iż-żebra crossing ta' Triq Stiefnu Zerafa li naħa mhux qed taħdem.

Il-kunsillier Fenech tkellem rigward il-bzonn biex isiru u-bollards hdejn il-gate tal-ground minhabba l-abbuz mill-karozzi izda wara diskussjoni kien hemm qbil li ghalissa ma jsir xejn.

**18/05/06** Is-Sur Mario Gauci staqsa meta ser jinbena il-ħajt tas-sejjieħ li daħal fih van u għadu ma ġiex irranġat. Is-Sindku u l-Kunsillier Christopher Fenech qalu li huma tkellmu mas-sid tal-van u dan wieghed li ser jirranġa l-hsara u jibni l-hajt.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**18/05/07** Is-Sur Mario Gauci staqsa meta ser issir il-laqgha mal-ARMS dwar l-issues pendenti. L-Agent S.E. informa li ilna xhur nitolbu li ssir laqgha u nistennew li ninghataw appuntament. Il-Kunsillier Christopher Fenech ser jipprova jitkellem sabiex din il-laqgha issir fil-futur qarib.

**18/05/08** Peress li fil-laqgha tal-Lokalita' residenti qal li jkun ahjar jekk fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Gnien jiġu installati traffic lights flok titwessa il-Kunsill wara diskussjoni qabel li jerga jinsisti sabiex jehlu traffic lights. Jekk ikun hemm bżonn il-Kunsill ghandu jikteb lill-Prim Ministru dwar din il-problema.

**18/05/09** Is-Sur Mario Gauci ressaq diversi ilmenti li hu rċieva ghal mod kif il-karrozzi tal-linja qed jipparkjaw hazin fil-pjazza u joholqu periklu u jtellfu l-mixi tat-traffiku. Is-Sindku qal li ser nistennew halli naraw jekk is-sitwazzjoni titjibx peress li ser jinbidlu l-hinijiet fil-kaz issir bus bay fi Triq 31 ta' Marzu.

**18/06** ***Korrispondenza***

**18/06/01** Ġiet innutata l-maintenance agreement li sar mal-HSBC għat-tliet tabelli ta' Merħba fil-lokal.

**18/06/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**18/06/03** Ġie innutat kors għal ċertifikazzjoni f'EU Funds Managment.

**18/06/04** Kien hemm diskussjoni fuq Nazzareno Award minn Care Malta. Ġie deċiż li jiġi nominat is-Sur Alfred Muscat ex-kunsillier li kien u għadu jaħdem għall-anzjani.

**18/06/05** Kien hemm diskussjoni fuq komunikazzjoni mill-pulizija rigward it-toroq li ser tgħaddi minnhom il-purċissjoni. Ġie deċiż li jintbagħat l-avviż għall-Gazzetta tal-Gvern għal 20 ta' Marzu 2016.

**18/06/06** Kien hemm diskussjoni rigward risposta minn DLG rigward talba fuq ġbir ta' skart separat fejn il-Gvern infurmana li mhux lest li jhallas sabiex jibqa isir ġbir ta' skart separat kif sar sa issa. Il-Kunsill ġie nfurmat bil-laqgħa li saret mal-uffiċjali tal-Ministeru. Il-Kunsill ser ikollu ġurnata waħda biss ġbir ta' skart reċiklat. Ġie deċiż li l-Gimgħa ma jinġabarx skart u ssir talba biex jibda l-ġbir tal-borża l-bajda fil-lokal.

**18/06/07** Ġiet innutata Case 78/16. Ġie deċiż li r-risposta tkun li għal tliet toroq, parti minn Triq Għaxqet l-Għajn, parti minn Triq Caravvagio u parti minn Triq Santa Marija taż-Żelliegħa.

**18/06/08** Kien hemm diskussjoni rigward talba biex isir kontenitur fuq il-bankina fi Sqaq il-Ħofra biex blokka appartamenti jħallu l-borża tal-iskart fiha. Ġie deċiż li din ma ssirx, imma jekk irid min ghamel it-talba jagħmlu fil-parti komuni tal-blokka.

**18/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**18/07/01** Is-Sindku tkellem fuq il-lista ta' CVs li għandu l-Kunsill għall-post vakant ta' Skrivan. Ġie deċiż li jsiru l-interviews nhar il-Ħamis, 3 ta' Marzu 2016 minn Bord li jagħmel short list ta' tliet kandidati. Dawn il-kandidati għandhom jattendu qabel ma tibda l-laqgħa tal-Kunsill fil-11 ta' Marzu 2016 biex jiltaqgħu mal-Kunsill kollu u jintgħażel il-kandidat finali. Il-Bord għandu jikkonsisti minn Giljan Aquilina, Carl Grech, Maria Tanti u Kurt Guillaumier bħala Segretarju tal-Bord.

**18/07/02** Is-Sur Giljan Aquilina informa lill-Kunsill li r-Reġjun għandu tlett ħaddiema tal-IPSL li ser jitqassmu xahar għal kull Kunsill għax-xogħlijiet. Il-Għargħur ser ikun it-tielet Kunsill. Talab ukoll biex issir private mill-Għargħur għall-mixja ta' Puttinu Cares. Kien hemm qbil fuq dan.

**18/07/03** Is-Sur Carl Grech informa lill-Kunsill li għandu jorganizza Buffet Breakfast għall-Jum il-Mara fl-8 ta' Marzu 2016.

**18/07/04** Is-Sur Christopher Fenech informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat tal-Kultura mhux ser jorganizza attività għax-xahar ta' Marzu minħabba li f'dan ix-xahar diġà hemm numru ta' attivitajiet organizzati. Il-kunsillier Fenech habbar li mill-1 ta' Marzu ser jibda jahdem mal-Kunsill ta' Hal Gharghur haddiem iehor mill-IPSL.

Is-Sur Fenech tkellem rigward isem tat-triq Emanuel Perren biex dan jehel ma bini f'din it-triq. Ghandu isir kuntatt mas-sorijiet biex naraw jekk jaqblux li nwahluha mal-genb tad-dar taghhom

**18/08** **Aġġornament**

**18/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Ġimgħa, 11 ta' Marzu 2016 fis-5.30 p.m.

**Giljan Aquilina** **Kurt Guillaumier**
**Sindku** **Aġent Segretarju Eżekuttiv**